# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 284/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Cristabel Chetcuti)**

**vs**

**Carl Ciantar**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Carl Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 421789M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' bejn is-14.00hrs u t-15.00hrs fl-inhawi ta' Joanne Gardens, Joann Garden, Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ghamel lil Maria Cassar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 29 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jkellimx jew javvicina, jew jipprova jkellem lil Maria Cassar u kif ukoll li ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser Ordni ta' Protezzjoni (412C tal-Kap. 9) datata 28 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D. bil-kundizzjoni li tipprojbixxi lil Carl Ciantar milli javvicina jew jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Cassar u li din tibqa' fis-sehh sas-sentenza finali tal-kawza li bhalissa hemm ghaddejja fil-konfront tieghu quddiem il-Mgt. Dr A. Bugeja LL.D;

4. U aktar talli nhar is-17 ta' Mejju 2016 ghall-habta tas-19.20hrs ghamel harba semplici waqt li kien taht il-kustodja tal-pulizija minn gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid, Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Cassar garanzija taht artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412 (c) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u sabiex flimkien mal-piena, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Carl Ciantar jibqa' jinzamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' hmistax il elf ewro (€15,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Mejju, 2016 li biha ma sabitx lill-

imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w illiberatu minnhom;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li fiha ma sabitx lill-appellat hati **tal-ewwel u t-tielet** imputazzjoni u **tirrevokaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-appellat hati **tat-tieni u r-raba'** imputazzjoni dedotti kontrih u konsegwentement ssibu hati tat-tieni u r-raba' imputazzjoni; **Tirrevoka** contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 29 t'April, 2016 u tordna li s-somma ta' €10,000 ddepozitati mit-terz garanti Carmen Ciantar flimkien mal-garanzija personali ta'€5,000 jigu konfiskati u jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u jigi mahrug mandat t'arrest fil-konfront tal-appellat, u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali limitat ghat-tieni u r-raba' imputazzjoni bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament u applikazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu r-raba' imputazzjoni. Il-konsegwenza ta' sejbien ta' htija fuq ir-raba'

imputazzjoni igib mieghu sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni u ghalhekk l-Avukat Generali talab li l-appellat jinstab hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet;

2. Il-fatti in breve tal-kaz odjern huma li l-appellat, li dak iz-zmien kien projbit mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 t'April, 2016 milli javvicina lill Maria Cassar in virtu' ta' Ordni ta' Protezzjoni ex artikolu 412C tal-Kodici Kriminali kif ukoll li ma jikkommettix reat ta' natura volontarja waqt li mehlus mill-arrest b'digriet tal-istess Qorti u tal-istess data. Gara izda, illi fil-15' Mejju 2016, il-kwerelanta kienet tinsab gewwa gnien pubbliku flimkien ma' binha meta l-appellat, ukoll fl-istess vicinanzi, lemah lill-ibnu u ghajjattlu. Il-kwerelanta ma hallietx lit-tifel javvicina lill-missieru u dan beda jghajjarha u jinsulentaha bil-konsegwenza li spicca arrestat fuq rapport ghalhekk.

3. Waqt li kien taht arrest fl-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, l-appellat harab izda l-Pulizija grew warajh u qabduh. L-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellat izda l-Avukat Generali jargumenta illi kellu jinstab hati tal-imputazzjoni tal-harba (ir-raba imputazzjoni) u tal-konsegwenzjali ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest (it-tieni imputazzjoni);

4. Ezaminata s-sentenza appellata, l-ewwel Qorti rragunat illi l-istat tal-appellat, dak ta' persuna mizmuma fuq suspett ta' kommissjoni ta' reat gewwa ghassa tal-pulizija sakemm ikun prezentat il-Qorti jew rilaxxjat, ma jirraffigurax fid-definizzjoni ta' "kkundannat" kif ravvizat fl-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti gia kellha l-okkazzjoni tezamina fatti konsimili fil-kawza Il-Pulizija vs Leon Borg deciza fl-1 ta' Frar, 2018 fejn kien ritenut is-segwenti:

**L-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi "*Kull ikkundannat u kull prigunier iehor li jinsab hati ta' harba semplici mill-habs jew mill-***

*kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena".* Skond il-proviso ta' dan l-artikolu "prigunier" tfisser "kull persuna li tkun mizmuma f'habs u tinkludi prigunier filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor jew filwaqt li jkun qieghed taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar. L-artikolu 152, imbaghad jipprovdi ghall-piena akbar jekk il-harba ssir bi vjolenza fuq xi persuna jew bi ksur tal-postijiet fuq imsemmija. Il-fatti tal-kaz in dizamina, almenu sa dan il-punt, ma jirraffigurawx ir-reat ipotizzat fl-artikolu 151 u dan ghaliex l-appellant la kien "persuna ikkundannata" u anqas "prigunier" fil-mument tal-harba u inoltre, l-ghassa ta' Birkirkara ma tikwalifikax bhala habs jew post ta' kura;

L-artikolu 160 , izda, jipprovdi li "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inkluzivament ighoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmumin skond il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom". L-ewwel Qorti applikat dan l-artikolu sabiex b'hekk sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 151 izda l-appellant ma jaqbilx ma' dan ghaliex fin-nuqqas ta' tifsir tal-kliem "lok mahtur ghall-kustodja" ghandha ssir referenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 9.08. L-Avviz Legali 437 tal-2003 (LS 9.09) jiddenomina s-segwenti postijiet bhala postijiet ta' detenzzjoni ghall-ghanijiet tal-Kodici Kriminali: Il-*lock-up* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana; il-*lock-up* fil-bini fejn jinsabu l-Qrati tal-Gustizzja fil-Belt Valletta; u il-*lock-up* fil-bini fejn tinsab it-taqsima amministrattiva tal-Pulizija, Victoria, Ghawdex. L-ghassa ta' Birkirkara mhix wahda mill-postijiet msemmija fl-Avviz Legali appena citat;

Issa, l-artikolu 151 kien l-ahhar emendat fl-1999 b'sostituzzjoni tal-artikolu precedenti. L-artikolu 160 baqa' mhux mibdul kif introdott fl-

1903. Dan ifisser illi l-legislatur ma rraviza ebda htiega ta' tibdil fl-artikolu 151 biex fih jinkludi persuni suspettati ta' kommissjoni ta' reat, mhux mizmuma f'habs, li jaharbu minn ghassa tal-Pulizija jew mill-kustodja ta' persuna nkarigata mill-kustodja taghhom. Il-Professur Sir Anthony Mamo, Notes on Criminal Law – revised Edition 1954 – 1955 a fol 113, meta jiccita lil Roberti u lill-Carrara jghid hekk: "*Our law is fully in accordance with this doctrine. It does not visitwith any punishment the simple escape from places of confinement of persons who are under arrest or in custody but not yet condemned by a sentence of a competent court.* [ din tal-ahhar mhix strettament konformi mal-artikolu 151]. *This clearly emerges from sec. 149 Criminal Code which deals with the crime of simple escape and limits it only to "any person under sentence". (v. Rex vs Mercieca 25/4/1924; "Law Reports Vol XXV Part IV p. 8671; Criminal Appeal: "Police vs Sacco 28/12/1942)".* L-appellant ghalhekk ghandu ragun u ma setghax jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni anke jekk l-azzjoni tieghu setghet taghti lok ghal ksur ta' disposizzjonijiet ohra taht il-Kodici Kriminali;

5. Stante li ma inghatat ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tirrikonsidra l-elementi ta' dan ir-reat kif ravvizati f"dik is-sentenza, ma tarax ghaliex ghandha tiddeciedi b'mod divers u ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex tahseb li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

6. L-appellant ghalhekk m'ghandux ragun u l-appell qed ikun michud.